MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 2122/1996/1

**Vassallo Brothers Limited u b'digriet**
**moghti mill-Qorti ta' l-Appell**
**fil-21 ta' Gunju 2004, l-isem tas-socjeta` attrici**
**gie sostitwit bl-isem Vassallo Builders Limited.**

**v.**

**Mediterranean Film Studios Limited; u b'digriet**
**tas-7 ta' Ottubru 1997 issejhet fil-kawza s-socjeta`**
**Malta Investment Management Company Limited.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B'citazzjoni fl-ismijiet premessi tad-19 ta' Gunju 1996, is-socjeta` attrici talbet il-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta' hmistax-il elf mitejn u disgha u hamsin lira (Lm15,259) bilanc minn somma akbar, rappresentanti prezz ta' bini esegwit mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 1996 u dawk ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mac-citazzjoni, bl-imghax legali mid-data tal-kompletazzjoni tax-xogholijiet sal-jum tal-hlas effettiv; u dan wara li ppremettiet illi s-socjeta` attrici kienet kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma msemmija, skond prospett anness u markat bhala Dokument "A", u li nonostante diversi talbiet ghall-hlas, inkluza dik permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 1996, is-socjeta` konvenuta kienet baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

2. Is-socjeta` konvenuta eccepiet u ddikjarat illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu:

(i) il-valur totali tal-kuntratt stipulat bejn il-partijiet kien ta' hamsa u tmenin elf tmien mija u erbgha u tletin lira (Lm85,834) li minnhom thallsu tmienja u sebghin elf u erba' mija u tmien liri (Lm78,408), ghal bilanc rimanenti ta' biss sebat elef erba' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm7,426):

(ii) skond klawsola 3 tal-kuntratt u l-ittra annessa bhala Dok "B" ma seta' jkun hemm l-ebda varjazzjoni minn dak il-prezz, jekk mhux bil-kunsens specifiku tas-socjeta` konvenuta, liema kunsens qatt ma nghata;

(iii) skond klawsola 5 tal-kuntratt ix-xogholijiet kellhom jitlestew sa l-10 ta' Lulju 1994, meta fil-fatt tlestew f'Settembru ta' l-istess sena, u meta skond klawzola 7 ta' l-istess skrittura s-socjeta` konvenuta kellha dritt ghal riduzzjoni ta' ghoxrin (20) fil-mija fuq is-somma kontrattwali minhabba tali dewmien, skont ta' sbatax-il elf mija u sitta u sittin lira (Lm17,166); u

(iv) li kwindi l-bilanc dovut kien pacut u eccedut bis-somma ta’ disat elef seba’ mija u erbghin lira (Lm9,740), dwar liema pretensjoni saret kontrotalba.

**<u>IL-KONTROTALBIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

3. Wara li rribadiet il-premess u ziedet tghid illi l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju miksub mis-socjeta` attrici kien vessatorju u kien qieghed jikkawzalha danni, is-socjeta` konvenuta talbet rikonvenzjonalment lill-Qorti:

(i) tiddikjara illi in vista tal-premessi s-socjeta` konvenuta kellha kreditu kontra s-socjeta` attrici ammontanti ghal disat elef seba’ mija u erbghin lira Maltin (Lm9,740) bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Ottubru 1994 sa l-effettiv hlas;

(ii) tikkundanna lill-istess socjeta` Vassallo Brothers Limited sabiex thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma msemmija bl-imghax;

(iii) tiddikjara wkoll in vista tal-premessi li l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru 3238/96 mis-socjeta` attrici kien illegali u abbuziv, u li jirrendi lis-socjeta` attrici responsabbli ghad-danni minnhom kawzati b’dak l-agir;

(iv) tillikwida d-danni kawzati lis-socjeta` konvenuta; u

(v) tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta d-danni hekk likwidati, bl-ispejjez.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` ATTRICI GHALL-KONTRO-TALBIET</u>**

4. Is-socjeta` attrici eccepiet ghal tali kontrotalba ossia kontro-talbiet hekk:

(i) illi skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kien previst li l-valur tax-xogholijiet esegwiti setghu jeccedu l-ammont ta’ Lm85,834 imsemmi fil-ftehim, fil-fatt is-somma finali kienet tammonta ghal Lm93,667 u ghalhekk illum is-socjeta` konvenuta hi tenuta thallas tali ammont shih lis-socjeta` attrici minghajr tnaqqis;

(ii) illi s-socjeta` attrici ma lestitx ix-xogholijiet fl-10 ta’ Lulju 1996 ghal ragunijiet mhux imputabbli lilha; dan sehh kemm minhabba l-fatt li zdied il-volum tax-xoghol u kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` konvenuta forniet hi stess, tardivament lis-socjeta` attrici, materjali li kienu necessarji biex jigu esegwiti x-xogholijiet u nkorporati fihom.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KJAMATA FIL-KAWZA**

5. Il-kjamat fil-kawza, is-socjeta` Malta Investment Management Company Limited (MIMCOL), eccepiet hekk:

(i) illi s-socjeta` kjamata in kawza ma ghandha u qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

(ii) illi huma kienu halsu s-somma ta' LM10,000 lill-konvenuti biex jithallas l-attur; u

(iii) illi x-xoghol ghall-valur li jeccedi s-somma msemmija kellu jigi approvat u awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta, haga li ma jirrizultax li saret; ghalhekk l-attur ma jistax jitlob il-hlas una volta li qabad u ghamel ix-xoghol minghajr tali awtorizzazzjoni.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

6. B'sentenza moghtija fl-1 ta' Gunju 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi, wara li helset lil Malta Investment Management Company Limited mill-harsien tal-gudizzju, u cahdet l-eccezzjonijiet u l-kontrotalbiet kollha tas-socjeta` konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas hmistax-il elf, mitejn u tmienja u hamsin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm15,258.88), flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji kollha, ukoll dawk tas-socjeta` msejha fil-kawza, billi s-sejha saret fuq talba tal-konvenuta, u bl-imghax minn dakinhar li kellu jsir il-hlas, billi d-dejn huwa wiehed kummercjali; u dan sostanzjalment ghas-segwenti ragunijiet:

(i) illi s-somma msemmija fil-kuntratt ma kienitx mahsuba bhala l-prezz finali izda biss biex ikun jista' jsir paragun mal-prezzijiet ta' kuntratturi ohra ghall-ghanijiet tad-decizjoni dwar liema kuntrattur kellu jiehu l-appalt, b'riferenza ghax-xhieda ta' l-AIC Paul Camilleri (fol. 81 et seq.);

(ii) illi kienet is-socjeta` konvenuta stess li ghazlet illi tapprova x-xoghlijiet addizzjonali billi timxi bi procedura informali minghajr ma tlaqqa' l-Bord tad-Diretturi, illi dan

kien isir bl-approvazzjoni tac-*Chief Executive Officer* taghha, u li ghalhekk ma tistax issa s-socjeta` konvenuta tghid li l-approvazzjoni ghal dawk ix-xogholijiet ma tiswiex ghax ma nghatatx formalment bil-miktub mill-Bord; dan b'riferenza ghal dak li xehdet il-persuna involuta, Ino Bonello;

(iii) illi skond il-perit tas-socjeta` konvenuta stess (fol. 85), ix-xoghlijiet kienu sostanzjalment lesti entro terminu stipulat, u kien ghad fadal biss ix-xogholijiet addizzjonali, u ghalhekk cahdet il-kontrotalba biex il-konvenuta zzomm ghoxrin fil-mija tal-valur tal-kuntratt;

(iv) dwar il-kontrotalba ghad-danni rigward il-vessatorjeta` tal-mandati ntavolati kontra s-socjeta` konvenuta, illi ladarba t-talba attrici kienet gustifikata, tonqos il-vessatorjeta` u ghalhekk cahdet il-kontrotalba relattiva.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

7. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata minn dina s-sentenza u ghalhekk interponiet appell quddiem din il-Qorti bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma qisitx ir-rapprezentanza legali tas-socjeta` konvenuta u l-limiti tal-mandati moghtija lill-ufficjali taghha u lill-Perit AIC Paul Camilleri;

8. Is-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti illi meta qieset illi kienet is-socjeta` konvenuta stess illi ghazlet li timxi bi procedura informali, l-ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn l-organi istituzzjonali u rappresentattivi tas-socjeta` u dawk illi in effetti kienu semplici impjegati jew mandatarji taghha. Il-fatti fil-qosor kif irrizultaw dwar dan l-aspett tal-vertenza huma, skond is-socjeta` konvenuta appellanti, is-segwenti:

i. L-iskrittura li tifforma l-bazi tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet tistipula espressament: "*20. This Agreement constitutes the entire contract between the Parties with respect to the subject matter hereof and supersedes all prior agreements and negotiations between them. This Agreement may be amended only in*

*writing signed by the Parties to this Agreement or their duly authorised representatives.*"

ii. Kienet is-socjeta` konvenuta stess illi pproponiet l-iskrittura lis-socjeta` attrici, u kien flimkien ma' l-abbozz ta' l-iskrittura li s-socjeta` konvenuta annettiet ittra datata 26 ta' April 1994 (fol. 19), fejn proprju sabiex ma jinqalghux divergenzi ta' interpretazzjoni fil-futur dwar zidiet u alterazzjonijiet iddikjarat: "*We must stress that under no circumstances would any changes and additions to the original Plans/Bill of Quantities (including the agreed deductions) be accepted, unless officially approved by the Company's Board of Directors first.*"

iii. L-istruzzjonijiet moghtija lill-ufficjali inkarigati, u dan in linea ma' dak li kien gie kommunikat b'mod ufficjali lill-istess socjeta` attrici, huma kontenuti f'serje ta' faxes, li l-ewwel wahda minnhom hija "Dok. C" esebita fil-busta a fol. 105, u indirizzata lil Alex Xuereb u Edgar Grech minn Felix Schembri, *Financial Controller* tas-socjeta` konvenuta: "*Attached are original Plans/Drawings and Bill of Quantities (including the agreed deductions) of this project for your guidance and which must STRICTLY be adhered to.*

*May we remind you that these documents are to be treated as STRICTLY CONFIDENTIAL. We MUST STRESS that under no circumstances would any changes and additions to these Plans/Revised Bill of Quantities be accepted, unless officially approved by the Company's Board of Directors first.*"

iv. L-istruzzjonijiet moghtija lill-Perit AIC Paul Camilleri, ukoll in linea mal-kuntratt u mat-twissijiet miktuba moghtija lis-socjeta` attrici, huma riflessi fil-*fax* "Dok. DD" (busta a fol. 105), ukoll mahrug minn Felix Schembri, datat 4 ta' Mejju 1994: "*Please note that we have established very clearly that any alterations/adjustments to the original bill of quantities must be clearly quantified and approved/authorised by the Board of Dirctors before it is actioned. In view of the above, kindly issue the revised plans/drawings together with the bill of quantities for any*

*additions/deductions as discussed, at the earliest possible, since we are still at the preliminary stage of construction where any adjustments could be planned and included easily.*"

v. Aktar importanti minn hekk, dawn l-istruzzjonijiet moghtija lill-Perit AIC Paul Camilleri gew mgharrfa lis-socjeta` attrici stess permezz ta' *fax* immarkata 'Dok E' (fil-busta a fol. 105) li maghha kienet annessa kopja tal-*fax* mibghuta lill-Perit AIC Camilleri, proprju sabiex il-kuntrattur ikun a pjena konoxxenza ta' l-istruzzjonijiet moghtija lill-Perit u bil-limitazzjonijiet ta' l-inkarigu tieghu, kif jirrizulta anke mir-risposti ta' Joe Schranz ghan-nom tas-socjeta` attrici;

vi. A kuntrarju ta' dak li xehdu r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u l-ex-impjegati tas-socjeta` konvenuta, fejn kien hemm bzonn ta' awtorizzazzjoni bil-miktub ta' zieda approvata mill-Bord tad-Diretturi, din inghatat bil-miktub minn rapprezentant awtorizzat, bhal ma sehh fil-kaz ta' l-alterazzjonijiet mehtiega ghall-installazzjoni tas-sistema ta' l-*air conditioning*; kif jirrizulta mill-awtorizzazzjoni relattiva datata 20 ta' Gunju 1994 immarkata "Dok. G" (fil-busta a fol. 105), fejn regghet saret riferenza ghat-terminu stipulat ghat-tlestija tax-xogholijiet;

vii. F'certu stadju ha f'idejh it-tmexxija tal-progett Agostino sive Ino Bonello minn idejn Alex Xuereb u Edgar Grech, u jidher li dan Ino Bonello, illi la huwa impjegat tas-socjeta` konvenuta u lanqas kien ghadu meta xehed, kellu diversi kwistjonijiet interni mad-dirigenza tas-socjeta` dwar il-limiti tad-diskrezzjoni tieghu. Tali divergenzi hargu fil-berah (ghalkemm is-socjeta` attrici dejjem giet imwissija ripetutament dwar il-limiti ta' l-istruzzjonijiet li tircievi) fil-fax tal-25 ta' Awissu 1994 ("Dok. M" fil-busta a fol. 105), illi ghaliha l-esponenti taghmel riferenza billi tesponi akkuratament is-sitwazzjoni fil-fazi konklussiva tal-kuntratt, u fejn is-socjeta` konvenuta regghet tenniet lis-socjeta` attrici dawk li kienet l-limitazzjonijiet taghha, specjalment finanzjarji. Dan il-fax gie copied lill-AIC Camilleri u lil Joe Schranz, kif jirrizulta mir-risposta tieghu datata 26 ta' Awissu ("Dok. N");

9. In vista ta' dawn il-fatti, is-socjeta` appellanti tghid li ma tistax tifhem kif setghet l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kienet is-socjeta` konvenuta li addottat procedura verbali u informali; jekk semmai ghamlu dan l-impegati taghha, allura japplikaw id-dispozittivi in materja sija tal-Kodici Civili u sija tal-Kodici tal-Kummerc dwar il-limiti tal-mandat meta tali limiti jkunu gew mgharrfa lit-terz:- hekk ara l-Artikolu 1868 tal-Kap. 16 u l-Artikoli 54(1) u 59(1) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta li kellhom japplikaw ghall-kaz in ezami.

Is-socjeta` appellanti tghid li ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti qaghdet fuq ix-xhieda ta' Ino Bonello meta kien proprju Ino Bonello, kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti u mix-xhieda tieghu stess, illi hareg 'il barra mil-limiti tal-mandat tieghu b'komplicita` f'dan min-naha tal-Perit AIC Camilleri u ta' l-istess socjeta` attrici, illi minn dejjem gew avzati ripetutament u bil-miktub dwar il-posizzjoni tal-Bord tad-Diretturi.

10. Jekk semmai jirrizulta li l-impjegati in kwistjoni qarrqu bis-socjeta` attrici, allura r-rimedju tas-socjeta` attrici kellu jkun li tfittex lil tali impjegati u li tillimita l-azzjoni taghha fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ghal arrikkiment indebitu.

11. Konsegwentement ghal dan kollu jsegwi, skond is-socjeta` konvenuta, li s-socjeta` attrici ma kienitx gustifikata, la fid-dewmien taghha, u lanqas fil-hrug tal-mandati kawtelatorji minnha intavolati illi kienu del resto anke in eccess mis-somma mitluba. Rigward l-asserzjoni tal-Perit AIC Paul Camilleri li x-xogholijiet kienu sostanzjalment lesti, tali asserzjoni kienet approssimattiva hafna u mhux sostanzjata mill-fatti kif jirrizulta anke mill-korrispondenza tas-socjeta` attrici stess. Kienet zbaljata anke l-ewwel Qorti meta donnha kkunsidrat illi l-fatt li l-Perit Paul Camilleri kien il-perit inkarigat mis-socjeta` konvenuta, dan kien b'xi mod xhud ineccepibbli; minghajr ebda disrispett lejn il-professjonista in kwistjoni, li jgawdi r-rispett tal-partijiet ikkoncernati, hija tendenza universali tal-periti li fejn jista' jkun u specjalment fejn ix-xogholijiet kienu taht is-supervizjoni taghhom personali, iccekknu l-

problemi li setghu inqalghu, specjalment fejn il-kuntrattur ikun kuntrattur bhal Vassallo Brothers Limited, li mieghu ikollhom rabtiet klientelari importanti fuq lantijiet ohra tax-xoghol. Dan qieghed jinghad bl-ebda nuqqas ta' rispett lejn l-AIC Paul Camilleri, izda pjuttost biex titqieghed fl-ottika proprja taghha l-approssimattivita` intenzjonali tal-kelma "sostanzjalment".

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili Citazzjoni Numru 2122/1996 GCD fl-ismijiet Vassallo Brothers Limited vs Mediterranean Film Studios Limited et billi tilqa' l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tas-socjeta` konvenuta, u tichad it-talbiet u l-eccezzjonijiet rikonvenzjonali attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

**<u>RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` APPELLATA VASSALLO BROTHERS LIMITED ILLUM MAGHRUFA BHALA VASSALLO BUILDERS LIMITED</u>**

12. Is-socjeta` attrici wiegbet hekk (stante t-tul esagerat tar-risposta, din il-Qorti qeghda taghti sunt taghha):

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:

i. Illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma bazati *inter alia* fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi prodotti quddiemha u tal-fatti specie tal-kaz, u quindi ma kienitx korretta fil-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fis-sentenza appellata.

ii. Is-socjeta` appellata tissottometti illi apparte li fil-meritu tali allegazzjoni tas-socjeta` appellanti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, dina l-istess allegazzjoni hija tali li permezz taghha is-socjeta` appellanti qed tonqos fir-rispett lejn l-ewwel Qorti, in partikolari lejn l-istess konsiderazzjonijiet minnha maghmula fis-sentenza appellata.

Nonostante l-fatt li s-socjeta` appellanti qed tibbaza l-aggravji taghha fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti ma ghamlitx konsiderazzjonijiet korretti fis-sentenza appellata, ghall-finijiet ta' korrettezza, partikolarment fil-konfront ta' l-ewwel Qorti, jehtieg li jigi rilevat illi kienet l-istess socjeta` appellanti li naqset milli tressaq kwalunkwe tip ta' prova quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza sabiex tkun tista' tissostanzja l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet minnha sollevati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba taghha, kif ukoll sabiex tkun tista' tirribatti t-talbiet attrici.

Jirrizulta ferm car li kienet proprja l-ewwel Qorti li tat numru ta' opportunitajiet lis-socjeta` appellanti sabiex tressaq il-provi taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Pero` meta z-zmien beda jitwal inutilment l-ewwel Qorti tat ordni lis-socjeta` appellanti sabiex tipproduci l-provi taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju fi tlett seduti, liema seduti kellhom jinzammu proprju ghal dan l-iskop specifiku. Fis-seduti li nzammu fit-13 ta' Settembru 2000, fl-20 ta' Settembru 2000 u fid-29 ta' Settembru 2000, dehret puntwalment is-socjeta` appellata pero` l-istess socjeta` appellanti konsistentement naqset milli tattendi ghalihom bil-konsegwenza li hija ma resqitx il-provi taghha kif lilha ordnat mill-Qorti ta' Prim Istanza. Meta inghata dana l-ordni mill-ewwel Qorti, l-istess Qorti ddikjarat li fin-nuqqas li jitressqu l-provi opportuni da parte tas-socjeta` appellanti, kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

Is-socjeta` appellanti kienet ben konxja ta' tali ordni ta' l-ewwel Qorti u ta' l-import ta' dan l-istess ordni, pero` xorta wahda naqset milli taddivjeni ghall-istess. Ghalhekk kienet is-socjeta` appellanti stess li naqset milli tipproduci l-imsemmija provi kif lilha ordnat mill-Qorti ta' Prim Istanza u llum tali socjeta` ma tistax tinterponi appell minn tali sentenza a bazi ta' l-allegazzjoni li "*<u>l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qisietx</u> ir-rapprezentanza legali tas-socjeta` konvenuta u l-limiti tal-mandati moghtija lill-ufficjali taghha u lill-Perit AIC Paul Camilleri. Illi jigi sottomess illi meta qieset illi kienet is-socjeta` konvenuta li ghazlet li timxi bi procedura informali, <u>l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli</u>*

*tiddistingwi bejn l-organi istituzzjonali u rapprezentattivi tas-socjeta` u dawk illi in effetti kienu semplici impjegati jew mandatarji taghha".*

Huwa ferm komdu li parti f'kawza tibqa' ghal kollox passiva quddiem l-ewwel Qorti, anzi adirittura tinjora ghal kollox l-ordnijiet specifici tal-Qorti ta' Prim Istanza, u meta tinghata sentenza kontra taghha taghzel li tinterponi appell minn dik l-istess sentenza bl-uniku skop li ttawwal il-proceduri gudizzjarji inutilment, dana kollu a skapitu tad-drittijiet tas-socjeta` esponenti u tipprova tahbi n-nuqqas da parte taghha a bazi ta' l-allegazzjoni li kienet proprja l-ewwel Qorti li ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi u fatti migjuba quddiemha.

iii. L-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament taghha tal-provi migjuba quddiemha u l-unika konkluzjoni gusta li setghet tasal ghaliha kienet proprju dik li jigu michuda l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba impostati mis-socjeta` appellanti fil-konfront tas-socjeta` esponenti, filwaqt li jigu milqugha t-talbiet attrici.

Il-problema li s-socjeta` appellanti qeghdha tiffaccja llum ma tirrizultax minn apprezzament hazin tal-provi da parte ta' l-ewwel Qorti, izda, huwa problema li hija holqot b'idejha stess stante li kienet hi li naqset milli tissostanzja l-allegazzjonijiet minnha maghmula permezz tal-provi opportuni. Is-socjeta` appellanti llum trid tirrispondi ghal tali nuqqas u mhux tipprova tiggustifika lilha nnifisha u l-posizzjoni taghha billi tallega li l-Qorti ta' Prim Istanza naqset milli taghmel xogholha sew.

(iv) Is-socjeta` appellanti tallega li l-ammont reklamat mis-socjeta` appellata ma huwiex kollu dovut stante li skond klawsola 3 tal-kuntratt u l-ittra [datata 26 ta' April 1994] ma seta' jkun hemm l-ebda varjazzjoni minn dak il-prezz, jekk mhux bil-kunsens specifiku tas-socjeta` konvenuta, liema kunsens [allegatament] qatt ma inghata.

Dina l-allegazzjoni hija infondata stante li s-socjeta` appellata esegwiet ix-xogholijiet ai termini ta' l-appalt lilha moghti u ai termini ta' l-istruzzjonijiet lilha moghtija mill-

istess socjeta` appellanti. Fir-realta` kienet proprju s-socjeta` appellanti li ndunat li fil-prattika dak provdut fl-iskrittura privata ta' bejna u s-socjeta` appellata, partikolarment dwar kif jinghataw l-istruzzjonijiet relattivi ghal xogholijiet ta' varjazzjonijiet, ma setghax jigi applikat b'mod vantagguz ghaliha ghall-iskopijiet finali taghha.

(v) Il-qofol tal-kwistjoni jinsab proprju fil-fatt dwar kif inghatat l-awtorizzazzjoni ghall-varjazzjonijiet li ghamlet is-socjeta` appellata waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet, li fir-realta` huwa l-ammont ikkontestat da parti tas-socjeta` appellanti.

Is-socjeta` appellanti tallega li dan seta' jsir biss permezz ta' awtorizzazzjoni moghtija bil-miktub mill-Board of Directors ta' l-istess socjeta` u in oltre tallega li fin-nuqqas tali xogholijiet saru bla awtorizzazzjoni u kwindi tippretendi li ma ghandhiex thallas ghalihom. Fir-realta`, l-istess socjeta` appellanti kienet ghazlet li tadopera procedura ferm inqas formali pero` iktar zbrigattiva u konvenjenti ghall-iskopijiet taghha, li jitlesta x-xoghol malajr.

Mix-xhieda prodotti irrizulta li s-socjeta` appellata qatt ma setghet esegwiet ix-xogholijiet minnha rikjesti bla istruzzjonijiet stante li dana kien jiltaqa' ma' numru ta' problemi mill-ewwel. Di fatti Ino Bonello, li dak iz-zmien kien Chief Executive tas-socjeta` appellanti, xehed illi ma tantx seta' l-kuntrattur jaghmel varjazzjonijiet minn jeddu, ghaliex l-ewwelnett is-sistema ma kienetx tippermettih il-ghaliex kieku certament sab l-intoppi dak il-hin.

(vi) Il-premessa li wiehed irid jitlaq minnha hija din – l-iktar fattur importanti ghas-socjeta` appellanti kien li x-xoghol esegwit mis-socjeta` esponenti jitlesta kemm jista' jkun malajr – u ghalhekk necessarjament certa proceduri rigidi zzejjed, kemm-il darba ezercitati mill-istess socjeta` appellanti, ma kienu ser jaghmlu xejn ghajr li joholqu ostakolu ghall-istess socjeta` appellanti fl-ottjeniment ta' l-iskopijiet taghha.

Is-socjeta` appellata ma setghetx tesegwixxi x-xogholijiet, partikolarment xogholijiet li jinvolvu varjazzjoniet, minghajr

istruzzjonijiet da parte ta’ l-istess socjeta` appellanti. Ghaldaqstant, in vista tal-fatt li x-xoghol kellu jimxi b’certu ritmu mghaggel, necessarjament jirrizulta li kienet is-socjeta` appellanti li kellha tiehu decizjoni dwar kif setghu jinghataw tali istruzzjonijiet permezz ta’ procedura aktar konvenjenti minn dik proposta fl-iskrittura privata ta’ bejnha u s-socjeta` appellata. B’hekk id-decizjoni li s-socjeta` appellanti kellha tiehu kienet dik bejn li ssegwi l-procedura rigida u formali li tinvolvi aktar dewmien fiz-zmien jew li tadopera, di sua volonta`, procedura inqas formali pero` iktar prattika u konvenjenti.

(vii) Is-socjeta` appellanti qed tibbaza l-aggravji taghha fuq numru ta’ allegazzjonijiet ohra liema allegazzjonijiet huma diretti fil-konfront tax-xhieda Agostino sive Ino Bonello u l-Perit AIC Paul Camilleri. L-allegazzjonijiet huma bbazati fuq numru ta’ insinwazzjonijiet diretti kontra dawn iz-zewg xhieda, permezz ta’ liema s-socjeta` appellanti qed tipprova tiskredithom f’ghajnejn din il-Qorti u b’hekk tipprova tippregudika l-kredibilita` tax-xhieda minnhom moghtija quddiem il-Qorti ta’ Prim Istanza.

(viii) Is-socjeta` appellanti tipprova tpoggi fid-dubju x-xhieda moghtija minn Ino Bonello permezz ta’ insinwazzjoni illi dan la huwa impjegat tas-socjeta` konvenuta u lanqas kien ghadu meta xehed, kellu diversi kwistjonijiet interni mad-dirigenza tas-socjeta` dwar il-limiti tad-diskrezzjoni tieghu. Nonostante tali allegazzjoni da parte tas-socjeta` appellanti, is-socjeta` appellata tissottometti li l-fatt li l-impjieg ta’ Ino Bonello mas-socjeta` appellanti ma kienx ghadu fis-sehh meta xehed quddiem l-ewwel Qorti u lanqas huwa fis-sehh illum, ma ghandu ebda rilevanza fil-kaz odjern. Tali fatt zgur ma jeffettwax ix-xhieda minnu moghtija stante li l-uniku fattur rilevanti huwa li Ino Bonello kien impjegat mas-socjeta` appellanti waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet esegwiti mis-socjeta` appellata u b’hekk dak kollu li xehed dwaru kien jafu personalment u esperjenzah direttament.

Fil-fatt Ino Bonello, fil-perijodu meta s-socjeta` appellata kienet qed tesegwixxi x-xogholijiet, kien Chief Executive ta’ l-istess socjeta` appellanti u permezz tax-xhieda tieghu

tefa’ dawl fuq kif realment inghataw l-istruzzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet da parte tas-socjeta` appellanti lis-socjeta` appellata, in partikolari rigward il-varjazzjonijiet mehtiega. Ix-xhieda ta’ Ino Bonello tkompli tikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif esposta mis-socjeta` appellata u huwa proprju minhabba tali fatt li s-socjeta` appellanti taghmel certa insinwazzjonijiet infondati fil-konfront tieghu. Tali agir tas-socjeta` appellanti jikkostitwixxi manipulazzjoni tal-fatti u huwa proceduralment u etikament skorrett.

L-agir tas-socjeta` appellanti huwa proceduralment skorrett stante li nonostante l-fatt li hija naqset milli tressaq il-provi in sostenn ta’ l-allegazzjonijiet minnha sollevati fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet u l-Kontro-Talba taghha u naqset ukoll milli taghmel il-kontro-ezamijiet relattivi ghax-xhieda prodotti mis-socjeta` appellata quddiem il-Qorti ta’ Prim Istanza, hija llum qed tippretendi li tattakka l-kredibilita` ta’ l-imsemmija xhieda quddiem din il-Qorti. Tali attakk fuq il-kredibilita` tax-xhieda huwa inaccettabbli stante li jmur kontra dak provdut fil-Ligi – hekk ara l-Artikoli 580 u 585 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(ix) Dana kollu japplika *mutatis mutandis* ghall-kritika li s-socjeta` appellanti ghamlet fil-konfront tal-Perit AIC Paul Camilleri fir-Rikors ta’ l-Appell minnha pprezentat. Is-socjeta` appellanti tibqa’ tinsisti li ma taccettax il-konsegwenzi tad-decizjonijiet u istruzzjonijiet minnha moghtija lis-socjeta` appellata, izda minflok, is-socjeta` appellanti qed tipprova tinkolpa lil haddiehor ta’ l-ghemil minnha maghmul, oltre li tallega li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.

Inoltre, dawn l-istess allegazzjonijiet huma bazati fuq insinwazzjonijiet ghal kollox gratuiti u malizjuzi unikament intenzjonati sabiex jiddanneggjaw ir-reputazzjoni tal-Perit AIC Paul Camilleri.

Is-socjeta` appellanti hija pjuttost pretenzjuza li tippretendi li din il-Qorti taghti widen ghall-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet minnha maghmula li huma manifestament malizjuzi, skorretti u dizonesti u

kompletament bla bazi la fattwali u lanqas guridika. Din il-Qorti ghandha tfittex li taghmel gustizzja mal-partijiet fil-kawza u l-uniku mod kif tali gustizzja tista' ssir huwa permezz tal-konferma tas-sentenza appellata.

(x) Is-socjeta` appellanti tallega li ghandhom jinsabu responsabbli fil-konfront tas-socjeta` appellata, l-impjegati taghha u mhux hi u erronjament tibbaza tali allegazzjoni, ghal kollox infondata, fuq l-Artikoli 54 u 59 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawnhekk is-socjeta` appellanti qeghda donnha tipprova tapplika ghall-kaz odjern dawk l-Artikoli tal-Ligi relattivi ghal-*mercantile agency*. Fir-realta` tali applikazzjoni tal-ligi qed issir b'mod erroneju u hija ghal kollox bla bazi, liema fatt huwa in konformita` ma' l-allegazzjonijiet kollha minnha sollevati fir-Rikors ta' l-Appell odjern.

Jigi rilevat li r-Rikors ta' l-Appell odjern huwa ghal kollox frivolu u vessatorju u gie intavolat unikament sabiex is-socjeta` appellatai tigi ostakolata fl-esekuzzjoni da parte taghha tad-drittijiet taghha korrettament kanonizzati permezz tas-sentenza ingustament appellata. Jidher ghalhekk li dana l-appell qed isir biss sabiex idejjaq u jirrita lill-kontro-parti cioe` lis-socjeta` appellata.

Ghaldaqstant u in vista ta' dak kollu premess is-socjeta` appellata tissottometti li l-appell interpost mis-socjeta` appellanti ghandu jigi michud u b'hekk tigi kkonfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` appellanti, u li l-istess socjeta` ghandha tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' dan l-appell ghal darbtejn lis-socjeta` appellata Vassallo Brothers Limited ai termini ta' l-Artikolu 223 (4) tal-Kapitolu 12, stante li l-istess appell huwa frivolu u vessatorju.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

13. Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li ghalkemm is-socjeta` Malta Investment Company Limited giet debitament innotifikata bir-rikors ta' appell, din ghazlet li ma tipprezenta ebda risposta.

L-aggravju tas-socjeta` konvenuta jikkonsisti f'lanjanza diretta lejn dak deciz mill-ewwel Qorti li, skond hi, "meta qieset illi kienet is-socjeta` konvenuta stess illi ghazlet li timxi bi procedura informali, l-ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn l-organi istituzzjonali u rapprezentattivi tas-socjeta` u dawk illi in effetti kienu semplici impjegati jew mandatarji taghha" (sottolinear tal-Qorti).

14. Jirrizulta mill-provi akkwiziti li saret skrittura ta' appalt (ara Dok A, fol 16 sa 18 tal-process) li kienet tiddelineja l-kundizzjonijiet li kellhom jirregolaw l-appalt moghti lis-socjeta` attrici. Il-partijiet jaqblu li minkejja din l-iskrittura, il-possibilita` ta' xi varjazzjonijiet fl-inkariku fil-kors tax-xoghol kienet wahda reali. Filwaqt, pero`, illi s-socjeta` konvenuta tishaq li kull tibdil ta' kull xorta kellu qabel jigi approvat mill-Bord tad-Diretturi "u dan b'mod rigidu", is-socjeta` attrici invece tghid li hija imxiet konformament ma' struzzjonijiet moghtijin lilha fuq il-lant tax-xoghol mill-arkitett imqabbad mis-socjeta` konvenuta kif ukoll impjegati gholjin taghha, li kienu inkarigati proprju mis-socjeta` konvenuta biex jissorveljaw ix-xogholijiet *de quo*. Il-vertenza inqalghet ghar-raguni li in konsegwenza ta' xoghlijiet extra li saru (u bhala fatt dan m'huwiex kontestat) kif ukoll alterazzjonijiet varji minn kif originarjament imfassal, il-prezz globali ta' l-appalt zdied u x-xogholijiet ma gewx kompletati fiz-zmien stipulat fil-ftehim surreferit imma ftit xhur wara. Ghalhekk gara li s-socjeta` attrici ppretendiet hlas illi jkopri wkoll ix-xoghol extra u tibdil esegwit minnha, filwaqt li s-socjeta` konvenuta insistiet li ladarba l-Bord tad-Diretturi ma kienx approva li jsir xoghol addizzjonali jew varjazzjonijiet fix-xoghol, ebda hlas ma kien allura dovut ghalihom u, inoltre, darba li x-xoghol tlesta tardivament kellhom jiskattaw dawk il-mizuri penali kontemplati fil-ftehim, li kien ghalhekk ifisser li s-socjeta` konvenuta kienet kreditrici tas-socjeta` attrici – u fil-fatt intavolat kontrotalba wkoll f'dan is-sens. Difatti bejn ix-xogholijiet zejda u tibdiliet li saru, il-prezz imsemmi fil-ftehim inqabez b'Lm7,832.88c. Billi kien gja` sar hlas akkont ta' Lm78,408, is-socjeta` attrici talbet il-hlas bilancjali ta' Lm15,258.88c. Skond is-socjeta` konvenuta invece l-bilanc talvolta dovut kellu jkun fl-ammont inferjuri ta' Lm7,426. Barra minn hekk ukoll billi

s-socjeta` appellanti tghid li x-xoghol tlesta tard qeghda tippretendi illi zzomm ghaliha ghoxrin fil-mija (20%) tal-valur tal-kuntratt skond klawsola 7 tal-ftehim ta' appalt datat 26 ta' April 1994.

15. Illi huwa minnu li kemm-il darba wiehed kellu jillimita ruhu u joqghod biss ghal dak li hemm stipulat fil-ftehim ta' appalt u jieqaf hemm, allura wiehed jista' tassew jikkonkludi favur t-tezi tas-socjeta` konvenuta. Madankollu, is-socjeta` attrici ressqet bizzejjed provi – li b'ebda mod ma gew ribattuti – li s-socjeta` konvenuta bdiet xorta wahda taddotta u ssegwi procedura informali, u dan b'sens ta' pratticita` u fl-interess taghha, u dan billi halliet lid-dirigenti u mandatarji taghha fuq il-lant tax-xoghol jaghtu dawk id-direzzjonijiet mehtiega li setghu jinqalghu fil-kors ta' l-appalt. Issa dawn l-istruzzjonijiet ma kienux qeghdin jinghataw lis-socjeta` attrici, li wettqithom, minn impjegati kwalsiasi imma kienu gejjin mill-arkitett Paul Camilleri, inkarigat mis-socjeta` konvenuta biex jissorvelja u jidderiegi l-ezekuzzjoni ta' l-appalt, u minn Agostino sive Ino Bonello, ic-"*Chief Executive Officer*". Tajjeb li jigi osservat ukoll li x-xogholijiet addizzjonali jew tibdiliet li saru ma kienux jikkonsistu f'xi kapricc imma kienu jikkomprendu, per ezempju, ghoti ta' kisi ta' "*waterproofing membrane*" li minhabba li kienet qeghda tersaq il-Harifa, kien jinhtieg li jsir kemm jista' jkun malajr, tenut ukoll kont tal-fatt li l-bini *de quo* kien vicin tal-bahar. Fil-verita` l-lanjanza tas-socjeta` appellanti giet ikkunsidrata sew mill-ewwel Qorti. Certament il-fatt li s-socjeta` konvenuta, fil-kors tal-kawza, ghazlet li toqghod gallerija, kwazi passiva, ghajr kontro-ezami serju wiehed maghmul lil rapprezentant tas-socjeta` appellata, ftit li xejn ghin biex jinghata ragun lit-tezi tas-socjeta` konvenuta. Kif ghalhekk tajjeb irrimarkat l-ewwel Qorti, u maghha din il-Qorti hija ta' l-istess fehma, "Ladarba kienet il-konvenuta stess li bdiet timxi b'dik il-procedura informali, u dan kien isir bl-approvazzjoni tac-*Chief Executive Officer* taghha, ma tistax issa l-konvenuta tghid li l-approvazzjoni ghal dawk ix-xogholijiet ma tiswiex ghax ma nghatatx formalment bil-miktub mill-bord. Anzi, l-Qorti tasal biex tghid illi, fil-kuntest tax-xiehda ta' dak li ic-*Chief Executive Officer* tal-konvenuta meta saru x-xogholijiet, il-

kontestazzjoni tal-konvenuta kontra t-tibdiliet u z-zidiet ma saritx _in bona fide_."

16. Ir-risposta tas-socjeta` konvenuta waqt il-proceduri gudizzjarji ghal mod kif ipprocedew l-affarijiet fuq il-post tax-xoghol, kienet tikkonsisti filli tiddistakka ruhha mid-decizjonijiet mehuda mill-mandatarji taghha. Dwar ic-*Chief Executive Officer*, Ino Bonello, tghid li dan spicca maghha b'tilwim u ma baqax ghalhekk impjegat taghha u fir-rigward ta' l-arkitett Camilleri, fir-rikors ta' appell hemm implikazzjoni – wahda ghal kollox gratuwita imma gravi u ingurjuza – li f'ambitu ristrett bhalma hu dak ta' Malta huwa facli li professjonist jipprova "jbengilha" meta si tratta ta' kumpanniji edilizji ghax fi kliem l-istess socjeta` appellanti (ara para 11 tar-rikors ta' l-appell), u trattandosi ta' arkitetti;
"... minghajr ebda disrispett lejn il-professjonista in kwistjoni, li jgawdi r-rispett tal-partijiet ikkoncernati, <u>hija tendenza universali tal-periti li fejn jista' jkun u specjalment fejn ix-xogholijiet kienu taht is-supervizjoni taghhom personali, icekknu l-problemi li setghu inqalghu, specjalment fejn il-kuntrattur ikun kuntrattur bhal Vassallo Brothers Limited, li mieghu ikollhom rabtiet klijentelari importanti fuq lantijiet ohra tax-xoghol</u>. (sottolinear tal-Qorti).

U biex tikkonkludi din il-kritika ambivalenti u gratuwita lejn il-perit inkarigat minnha stess – tfahhru u zzebilhu professjonalment fl-istess nifs – tkompli hekk,
"Dan qieghed jinghad bl-ebda nuqqas ta' rispett lejn l-AIC Paul Camilleri, izda pjuttost biex titqieghed fl-ottika proprja taghha l-approssimattivita` intenzjonali (?) tal-kelma 'sostanzjalment'."

Aktar qabel saret riferenza lejn dak li xehed il-Perit Camilleri fejn qal li x-xogholijiet "kienu sostanzjalment lesti".

17. Quddiem "argumenti" bhal dawn, privi minn kull sens ta' serjeta`, imma intizi biss biex bi kwalunkwe mod l-appellant jipprova "jeskogita" xi raguni plawsibbli biex jiggustifika l-aggravji tieghu, din il-Qorti frankament

jidhrilha li m'ghandhiex ghalfejn toqghod tahli aktar zmien prezzjuz mill-hin limitat ghad-disposizzjoni taghha. Taghmel ghalhekk riferenza ghal dak li gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti dwar li l-valur tax-xoghol in kwistjoni kellu jigi finalment ikkalkolat, ghal fini ta' stima ta' xoghol, fuq bazi ta' rati u li allura dan kien ukoll naturalment jimplika li kellu jsir il-kejl tax-xoghol li effettivament u attwalment sar. Trattandosi ta' ftehim ta' appalt prezunt li hu maghmul "*in buona fede*", is-socjeta` appellanti messha kienet ukoll pjenament konxja ta' dak li hija stess hasset li kellha tissottolineja lis-socjeta` attrici – ara ittra datata 26 ta' April 1994 – Dok B – li kienet mehmuza mal-ftehim ta' appalt maghmul ukoll dakinhar – biex fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt din kellha ssegwi li gej,
"*Kindly consult and co-ordinate your operations with our Architects, Messrs Paul Camilleri & Associates*".

Din il-linja-gwida kienet wahda cara, esplicita u bis-sens u ghalhekk mhux lecitu li issa, ghax ma ghogobhiex il-kont finali, is-socjeta` konvenuta tipprova tistahba wara l-paraventu tan-nuqqas ta' kunsens da parti tal-Bord tad-Diretturi.

Ghalhekk l-aggravji tas-socjeta` appellanti kemm dwar it-talba tas-socjeta` appellata, li giet milqugha mill-ewwel Qorti, kif ukoll dwar il-kontro-talba li giet respinta, qeghdin jigu michuda ghax huma manifestament frivoli u infondati.

18. Dwar il-kap ta' l-ispejjez, il-kontroparti appellata ssottomettiet li, fic-cirkostanzi din il-Qorti ghandha tapplika s-sanzjoni ta' l-ispejjez doppji ai termini ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti, tenut kont tas-suespost, u tal-fatt li biex tiehu l-hlas dovut lilha, is-socjeta` attrici kellha tistenna 'l fuq minn tmien (8) snin, hija tal-fehma li l-kaz in ezami jimmerita li jigi hekk sanzjonat.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, b'dana li ghal fini ta' dina l-istanza jkun hemm id-doppio spese a tenur ta' l-Artikolu 223(4)

tal-Kap. 12, u b'dan ukoll li l-interessi fuq is-sorte ghandhom jitqiesu minn dak il-jum indikat fis-sentenza appellata sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------